

- 2) L-Artikoli 49 TFUE u 56 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn jipprekludu dispożizzjoni nazzjonali restrittiva, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tobligga lill-konċessjonarju tal-logħob tal-ażżard li jittrasferixxi b'titolu gratwit, fil-mument tat-terminazzjoni tal-attività dovuta għall-iskadenza tal-perijodu ta' konċessjoni, l-użu ta' oġġetti materjali u mhux materjali miżmuma b'titolu ta' proprjetà u li jikkostitwixxu n-netwerk ta' ġestjoni u ta' ġbir tal-logħob, sa fejn din ir-restrizzjoni tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jinkiseb l-għan effettivament segwit minn din id-dispożizzjoni, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

(¹) ĠU C 138, 27.04.2015

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tas-7 ta' April 2016 (talba għal deċizzjoni preliminari tat-Tribunale di Frosinone – l-Italja) – proċeduri kriminali kontra Antonio Paolo Conti

(Kawża C-504/15) (¹)

(Rinviju għal deċizzjoni preliminari — Artikolu 99 tar-Regolamenti tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Domandi preliminari identiċi — Artikoli 49 TFUE u 56 TFUE — Libertà ta' stabbiliment — Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Logħob tal-ażżard — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li ddikjarat bħala inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-konċessjonijiet għall-attività ta' ġbir ta' fondi ta' Pariġi — Organizzazzjoni mill-ġdid tas-sistema permezz ta' sejħa għal offerti ġdida — Trasferiment b'titolu gratwit tal-użu tal-oġġetti materjali u mhux materjali miżmuma b'titolu ta' proprjetà u li jikkostitwixxu n-netwerk ta' ġestjoni u ta' ġbir tal-logħob — Restrizzjoni — Raġunijiet impellanti ta' interess ġenerali — Proporzjonalità)

(2016/C 270/15)

Lingwa tal-proċedura: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Tribunale di Frosinone

Parti fil-proċeduri kriminali prinċipali

Antonio Paolo Conti

Dispożittiv

L-Artikoli 49 TFUE u 56 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn jipprekludu dispożizzjoni nazzjonali restrittiva, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tobligga lill-konċessjonarju tal-logħob tal-ażżard li jittrasferixxi b'titolu gratwit, fil-mument tat-terminazzjoni tal-attività dovuta għall-iskadenza tal-perijodu ta' konċessjoni, l-użu ta' oġġetti materjali u mhux materjali miżmuma b'titolu ta' proprjetà u li jikkostitwixxu n-netwerk ta' ġestjoni u ta' ġbir tal-logħob, sa fejn din ir-restrizzjoni tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jinkiseb l-għan effettivament segwit minn din id-dispożizzjoni, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

(¹) ĠU C 406, 7.12.2015.